MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 103/2010

Ir-Registratur tal-Qorti (Ghawdex)

Vs

Charles Cordina

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fis-26 ta’ Novembru 2010, l-attrici qeghda titlob li l-konvenut jigi dikjarat hati ta’ disprezz u sabiex il-qorti timponi fuqu s-sanzjonijiet kontemplati mil-ligi. Dan wara digriet li nghata mill-qorti fl-4 ta’ Frar, 2010 fl-atti tal-mandat ta’ qbid numru 150/2008 fl-ismijiet **George Farrugia et vs Charles Cordina**.

Il-konvenut, ghalkemm notifikat, ma pprezentax risposta guramentata u lanqas deher fis-seduta tal-lum.

Mill-atti tal-mandat ta’ qbid jirrizulta li:-

i. Fit-13 ta' Ottubru 2008 gie esegwit mandat ta' qbid numru 150/2008 fil-fond Cordina Confectionary, Pjazza San Frangisk, Victoria, Ghawdex u Cordina Cafe', Pjazza Kennedy, Victoria, Ghawdex. Mir-riferta tal-ufficjal ezekuttiv jirrizulta li nqabdu diversi mobbli, u kopja tar-riferta nghatat lill-konvenut. Fir-riferta jinghad: *"Tajt kopja ta' dan il-Mandat u ta' din ir-riferta lil Charles Cordina fl-indirizz moghti u dan wara li wissejtu li b'ebda mod ma jista' jiddisponi mill-oggetti maqbuda f'dan il-Mandat."*.

ii. L-oggetti li kien hemm f'dawn iz-zewg postijiet kienu tnehhew minn hemm mill-konvenut. Meta xehed fis-27 ta' Novembru 2009 kien qal li l-affarijiet li nehha mill-ambjenti fuq imsemmija kien poggihom f'mahzen Triq il-Blat, Sannat, Ghawdex. F'dan il-kuntest fis-26 ta' Novembru 2009 kien ipprezenta nota guramentata fejn iddikjara liema kienu l-oggetti li jinsabu f'mahzen li kellu fis-Sannat[1].

iii. Jirrizulta li ghal xi Novembru 2009 Cordina biegh lil Frank Debono xi oggetti li kienu milquta minn dan il-mandat (ara nota guramentata li pprezenta Franco Debono fl-14 ta' Dicembru 2009 fl-atti tal-mandat ta' qbid numru 150/2008, fejn elenka l-oggetti li xtara minghand Cordina u li hallsu €1,630).

iv. Fis-16 ta' Novembru 2009 l-ufficjal ezekuttiv iddikjara li kien mar fil-fond Cordina Cafe' li jinsab fi Pjazza Keneddy, Victoria u sab li l-post kien tbattal mill-oggetti.

v. Fis-7 ta' Dicembru 2009 l-ufficjal ezekuttiv ghamel rapport fejn iddikjara li kuntrarjament ghal dak li xehed il-konvenut, fil-garaxx li qieghed is-Sannat ma kienx hemm l-oggetti li nqabdu fit-13 ta' Ottubru 2008 u li l-oggetti li kien sab kienu "... *imbarazz u parti mir-restaurant + bar = SOPOS Bar + u Black Jack u il-bank li hemm huwa ta' Foristol mhux skont il mandat ta' qbid."*[2].

vi. Fl-10 ta' Dicembru 2009 l-ufficjal ezekuttiv ghamel rapport iehor fejn elenka l-oggetti li kien sab fil-pussess ta' Franco Debono f'garaxx fi Triq ta' Gorf, Xaghra, Ghawdex.

---
[1] Ara fol. 12 tal-atti tal-mandat 150/2008.
[2] Fol. 16 atti mandat ta' qbid numru 150/2008.

Mill-atti tal-mandat ta’ qbid numru 150/2008 hu evidenti kemm il-konvenut ghamel hiltu sabiex jizvija lill-qorti u lill-ufficjal ezekuttiv. Jirrizulta wkoll kif wara li l-ezekuzzjoni tal-mandat li saret fit-13 ta’ Ottubru 2008, il-konvenut ghamel fattih. Hu veru li l-oggetti baqghu ghand Cordina, madankollu dan ma jfissirx li kellu dritt li jaghmel li jrid bihom. L-oggetti baqghu taht ir-responsabbilta’ tieghu u kellu obbligu li jiehu hsiebhom u li jipprezenatahom meta jigi ordnat. Sakemm baqa’ fis-sehh il-mandat il-konvenut ma kellu l-ebda jedd li jiddisponi mill-oggetti. Mill-provi hemm certezza li Cordina biegh xi oggetti li jissemmew fir-riferta tal-ufficjal ezekuttiv, u ghand Cordina ma nstab xejn mill-oggetti li nqabdu. Fil-fehma tal-qorti dan l-agir ghajr sfida lill-awtorita’ tal-qorti.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa’ t-talbiet tal-attrici u ai termini tal-Artikolu 997 tal-Kap. 12 qeghda tikkundanna lill-konvenut ihallas multa ta’ seba’ mitt ewro (€700).**

**Spejjez huma a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------